Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2003

Numru 1019/2002

**PULIZIJA**
**SPETTUR LOUISE VELLA**

**VS**

**CARMEN DEBONO**

**Illum 19 ta' Frar 2003.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Carmen Debono, ta’ 59 sena, bint il-mejjet Calcidon Tabone u l-mejta Carmela imwielda Scerri, imwielda Pieta’ nhar l-24 ta’ Lulju 1943, u residenti 148, Triq il-Fuhhar, B’Kara, u detentur ta’ karta ta’ identita’ numru 481543(M);

Talli f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b’risoluzzjoni wahda;

a) Minghajr licenzja moghtija mill-Awtorita’ kompetenti, ghamlet kummerc ta’ istituzzjoni finanzjarja f’Malta jew minn Malta minghajr licenza mill-Awtorita’ kompetenti u cioe’ sellfet flus bl-imghax lil diversi persuni;

b) Kif ukoll talli kisret jew naqset li thares xi wahda mid-disposizzjonijiet ta’ l-Att XX11 ta’ 1994, jew xjentement kienet parti fl-ghemil, jew iprokurat jew ghenet jew hajjret l-ghemil ta’ xi reat taht l-istess Att XX11 ta’ 1994 dwar istituzzjonijiet Finanzjarji.

Wara illi rat l-Artikolu 3 ta’ l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjari, Att XX11 ta’ l-1994, u l-Artikolu 22(1) u 23(2) ta’ l-Att XX11 ta’ 1994 dwar istituzzjonijiet Finanzjarji;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta’ l-imputata, ma’ thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssibha hatja ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha mill-Prosekuzzjoni.

Ghar-rigward tal-piena, din il-Qorti, qeghda tikkundannaha ghal sena (1) prigunerija  u tordna li din is-sentenza
m'ghandhix tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' sentejn (2) millum l-imputata tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija, a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

--------------------------------TMIEM--------------------------------